# Il-Presepju



Ħarġa Nru. 99
Jannar - Marzu 2019

Fuljett maħruġ mill-
GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU - MALTA
c/o 56, Amaltea, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 - Malta

Newspaper Post

Fuljett
maħrug kull tliet xhur mill-
Għaqda Ħbieb tal-Presepju
Malta.

VO/0844

*Kull korrispondenza għandha tiġi ndirizzata lis-Segretarju,*
*Charles A. Bellia*
*56, Amaltea, Triq il-Marġ,*
*Attard ATD2382. Malta*

*IL-PRESEPJU*
*Jitqassam lill-Membri tal-Għaqda u għalhekk biex tirċevih ħallas il-miżata tiegħek regolarment billi tibgħat €5 lill-Kaxxier. Kontribuzzjonijiet oħra biex jinfdew l-ispejjeż ikunu ferm apprezzati.*

*L-GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU Malta tirringrazzja lil kull min kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.*

Apprezzament speċjali jmur għas-
Sinjura Jessie Chircop
li ħadet ħsieb il-'proof reading'.

# Werrej


Editorjal ........................................................................3
Il-Kelma tal-President ........................................................................4
Lejn Sena ta' Ħidma ........................................................................6
Fejn tħobb il-qalb jimxu r-riġlejn ........................................................................7
Ninsa għax inħobb ........................................................................9
Poeżija - Żewġ Presepji ........................................................................11
Poeżija - Il-Fanal ........................................................................12
It-Tifel Mitluf ........................................................................13





**Stampat**
BONNICI'S PRESS Est.1924
36, St. Paul Street, Valletta
Tel: 21224607 - 21228138
E-mail: emibonnici@gmail.com

# L-Editorjal

Sena wara sena, l-Milied jiġi u jmur, pero' għalina d-dilettanti tal-presepju ma jiġrix hekk. Appena jispiċċa x-xhar ta' Diċembru, fis nibdew naħsbu u noħolmu għas-sena dieħla....w arana nerġgħu nibnu presepju aħjar milli kellna. Dan għal min ikun dilettant u ddedikat fil-passatemp tiegħu.

Noqgħod naħseb ftit, li minn dawk li jiġu jżuru l-wirja mhux kulħadd ikun jaf minn xhiex ikunu għaddew l-esibituri biex għamlu u ppreżentaw dak il-presepju. Il-ħsieb, tfassil u l-kostruzzjoni ta' xena tal-presepju tieħu ħafna u ħafna żmien ta' preparazzjoni. Hemm hu s-sabiħ ta' dan id-delizzju!! Min għandu fejn jaħdem il-presepju, f'garaxx jew kamra fuq il-bejt, fiha u ma fihiex; iżda min irid jaħdmu ġod-dar żgur li minbarra l-imbarazz li jaqla', jaqla' wkoll xi tgergira mingħand il-mara. Pero' dan kollu jintesa hekk kif il-presepju jibda jieħu l-ħajja. Imbagħad jibdew il-kummenti, xi kultant pjaċevoli... xi kultant ftit inqas. Imma kif jitlesta l-kapulavur, il-familja kollha tkun sodisfatta u kulħadd jistrieħ.

Għamilt dawn il-ftit ħsibijiet għax ridt ngħaqqad dan il-proċess ma' kif vera ġrat il-ġrajja ta' Betlem. Alla għamel id-dinja u dam sitt ijiem biex għamilha. Ħaseb, ippjana, u bil-mod il-mod bniha fuq il-pjan tiegħu. Wara kull jum, wara li jkun ħoloq dak li kellu f'moħħu, kien jippjana għal jum ta' wara. Ħa ħsieb ta' kollox, ra li ma kien jonqos l-ebda dettal li seta' jagħmel il-kapulavur li kien qiegħed iwettaq, fqir f'apperenza jew fl-isbuħija tiegħu. Wara s-sitt jum... STRAĦ għax ra li kollox kien sew. Meta mbagħad il-bniedem kiser il-patt li kien għamel miegħu, xorta ra kif għamel u bagħat lil Ibnu jitwieled f'għar ġol-belt ta' Betlem biex jerġa' jressaq il-bniedem lejH. Min jaf kemm aħna li nkunu qegħdin nibnu l-presepju nagħmlu l-istess. Nibnu għar u nersqu lura biex naraw jixraqx jew hux sproporzjonat. Nagħmlu kamra, npoġġu pastur quddiem xi xena u noqogħdu niċċassaw jekk qiegħedx f'postu jew le. Dan hu s-sabiħ tal-presepju! Kull mument li dak li jkun ikun qed jibnih ikun qed jimxi fuq l-istess binarju tal-Mulej. Meta kollox ikun lest u għas-sodisfazzjon tiegħu, jieqaf, jersaq lura u x'ħin ikun sodisfatt, jistrieħ u jħalli 'l ħaddieħor jitpaxxa b'dak li jkun għamel. J'Alla l-iskop tal-presepju jintlaħaq qalb il-bnedmin..... dik il-paċi u l-ferħ, li ħabbru l-anġli lir-rgħajja, d-dinja ta' llum għandha bżonnha!!!

**Frans Chircop**

colour

# Il-Kelma tal-President



Kif inthom ħbieb?

Bl-għajnuna t'Alla bdejna sena oħra u diġa' hemm indikazzjonijiet li sejra tkun sena impenjattiva għall-Għaqda tagħna. Fil-bidu ta' Jannar kellna biċċa xogħol iebsa biex ġarrejna l-armar tal-wirja u oġġetti oħra tal-Għaqda minn garaxx għall-ieħor. Il-post fejn konna sa ftit ġimgħat ilu rriżulta li ma tantx kien adattat għalina. Il-bambin ried li nsibu post ieħor fil-Mosta fejn stajna nħossuna iktar komdi u liberi biex naħdmu. Għad fadal ftit xogħol xi jsir, imma b'naqra sforz ieħor, kollox ikun postu.

Fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill għas-sena li għaddiet, issemmew numru ta' attivitajiet li jistgħu jitwettqu din is-sena; attivitajiet li barra milli jkunu informattivi, joħolqu wkoll okkażżjonijiet biex aħna niltaqgħu u naqsmu idejat ġodda dwar id-delizzju sabiħ tagħna. Ma setgħax jonqos li fost dawn ikun hemm il-kors tas-sajf li kien ta' għajnuna kbira fit-twettiq tal-għanijiet tagħna. Għal dan irridu nsibu post adattat possibilment milħuq sew mit-trasport pubbliku. L-għajnuna tagħkom f'dan ir-rigward tkun ferm apprezzata.

F'dawn l-aħħar snin, kemm -il darba ssemmiet il-possibilta li nistiednu presepisti barranin biex jiġu hawn u joffru l-esperjenza tagħhom lill- membri u ħbieb tagħna. Matul ix-xhur li għaddew sar kuntatt ma' ċertu Gianfranco Cupelli, presepista minn Calabria, l-Italja u miegħu qbilna li jiġi jagħti kors f'Settembru li ġej. Id-dettalji għad iridu jiġu ffinalizzati, u tirċevuhom aktar 'il quddiem.

Finalment irrid nappellalkom biex tieħdu sehem fl-attivitajiet li norganizzaw. Veru li huwa l-Kunsill li jrid jaħdem billi joħloq dawn l-attivitajiet, imma l-preżenza tagħkom isservi ta' skop li għalih isiru. Kemm -il darba għidna biex min għandu eMail jgħaddi l-indirizz lis-Segretarju biex meta jkollna xi informazzjoni dwar attivitajiet, eċċ, tasal għandkom iktar malajr. Dan huwa forsi l-iktar mod faċli biex inżommu kuntatt.

Insellmilkom.
Andrew Spiteri

colour



**Nhar it-Tlieta**
**16 ta' April, 2019**

## Żjarat lil
## WIRJIET TA' VARI
## TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

fir-Rabat u l-Mosta

**Tluq bil-Coach mill-Furjana fil-4.45P.M.**

**Wara nispiċċaw b'ikla f'Restaurant u nirritornaw il-Furjana.**

**Għal aktar informazzjoni u *bookings:***

***ibgħat email fuq: presmal18@gmail.com***
***jew cempel fuq 9940 6645***

---

**UNIVERSALIS FŒDERATIO PRÆSEPISTICA**

# THE CRIB UNITES US

"il-Presepju jgħaqqadna!"

**AACHEN, GERMANJA**

**XXI KUNGRESS MONDJALI TAL-PRESEPJU**
**bejn il-15 - 19 ta' Jannar, 2020.**

L-***GHAQDA HBIEB TAL-PRESEPJU - Malta***
**ser torganizza ġita għal din l-okkażjoni.**
**Billi Aachen tinsab fuq il-fruntiera bejn il-**
**GERMANJA, OLANDA U BELĠJU**
**ser ikollna wkoll ġiti organizzati biex naraw is-sbuħija u l-presepji ta' dawn it-tliet pajjiżi.**

**Jekk int interessat ċempel ISSA fuq 9940 6645 jew ibgħat eMail fuq: presmal18@gmail.com u tirċievi l-informazzjoni kollha fi żmien qasir.**

# *Lejn Sena ta' Ħidma*

Fis-sentejn li għaddew, l-attivitajiet tal-Għaqda tagħna kienu neqsin minn dak l-entużjażmu li konna nafuhom qabel! Jista' jkun li dan kien riżultat taċ-ċaqliq li kellna mill-belt għall-Furjana. Konna drajna sew biċ-ċavetta f'idejna, nidħlu u noħorġu meta u x'ħin irridu. Kulħadd jaf li t-tluq tagħna mill-Belt kien wieħed inevitabbli. Illum sibna lil Patrijiet Kapuċċini li fetħulna l-bibien taċ-Ċentru tagħhom fil-Furjana beraħ biex aħna nkunu nistgħu nagħmlu l-laqgħat tagħna hemm. Il-post, li huwa sabiħ u komdu jintuża minn diversi għaqdiet oħra u għalhekk irridu nadattaw ruħna u nippjanaw bil-quddiem.

Ftit tal-ġranet ilu, kellna l-Laqgħa Ġenerali Annwali. Fir-rapport tas-Segretarju ssemmew diversi inizjattivi li l-Għaqda tista, anzi għandha tieħu biex nerġgħu naqbdu r-ritmu li jkompli jgħina nilħqu l-għanijiet li għalihom inħolqot l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta. Fost dawn insibu laqgħat regolari dwar dak kollu li għandu x'jaqsam mal-presepju, l-istorja tiegħu, l-istili differenti ta' presepji u fuq kollox il-presepju tagħna - il-presepju Malti. Aħna l-Maltin inħobbu u kapaċi nikkupjaw tradizzjonijiet barranin imma mbagħad ninsew it-tradizzjonijiet sbieħ ta' pajjiżna. Għandna kampanja sabiħa, għerien kemm irridu, siġar minn kull ġens imxerrda mal-kampanja u l-widien tagħna; għandna fejn nimirħu u nieħdu idejat biex il-presepju tagħna intuh laqta verament Maltija.

Dan ma jfissirx li m'għandniex naraw u napprezzaw ix-xogħol li jsir minn presepisti barranin. Anzi iktar ma nosservaw ix-xogħol ta' dawn il-ħbieb li ma nafuhomx, iktar insaħħu l-informazzjoni u t-teknika tagħna. Huwa għalhekk li f'Settembru ta' din is-sena ser jiġu fostna żewġ presepisti mill-Calabria, Gianfranco Cupelli u Francesco Stellato. Dawn ser juruna x'materjali jużaw, kif jiffurmaw il-blat u l-bini. Ser jitkellmu dwar it-tqassim tal-presepju u finalment ser jispjegaw kif issir siġra taż-żebbuġ bi friegħi nexfin. Dettalji dwar din iż-żjara għadhom qed jiġu finalizzati, iżda min hu interessat jaqbillu jirreġistra mill-aktar fis biex ma jitħalliex barra.

Finalment, għal din is-sena ser infasslu programm ta' żjarat kulturali, anke jekk mhux bilfors marbutin mal-presepju, l membri u ħbieb ikabbru l-informazzjoni dwar x'inhi l-kultura Maltija u x'toffri wara l-ħitan ħoxnin tal-palazzi li għandna fl-ibliet u fl-irħula tagħna. Nistennew il-parteċipazzjoni tagħkom, il-membri, biex fejn immorru, nuru li l-Għaqda mhix qiegħda hemm biss biex tibni l-presepju imma wkoll biex issaħħaħ il-kultura tal-membri tagħha.

# *Fejn tħobb il-qalb jimxu r-riġlejn*

**Minn Dun Nazzareno Tonna**

Il-ġrajja taċ-ċkejken vjolinista, Wolfgang Amadeus Mozart, fil-lejl tal-Milied timliena kuraġġ biex inwettqu tajjeb ix-xogħol fdat lilna. Kulħadd għandu x-xogħol jew aħjar il-job tiegħu x'jaqdi. Aktar kemm il-ħaddiem jipprova jifhem u jgħix l-għażla proprja tiegħu, aktar il-ħajja tiegħu tkun trankwilla u fil-paċi. Ta' eta ċkejkna Amadeus Mozart ġie mistieden biex ikun is-surmast tal-knisja ħelwa ddedikata lil San Mikiel Arkanġlu u Santa Marija mibnija fuq daqsxejn ta' għolja mdawra minn xi ftit djar u ġonna u tħares lejn ix-xmara Fuschisce. Malli daċ-ċkejken ġuvnott vjolinista bravissimu bħal missieru, sar jaf b'din l-għażla tiegħu bħala organista, kien kważi joħlom bil-ferħ u rabat qalbu ma' din il-knisja. Ma kienx ikun hemm l-iċken funzjoni liturġika li ma kontx issibu jdoqq l-orgni. Għalih xita, silġ, xemx tiżreġ, bard jew kesħa, xejn ma kien jaqtagħlu qalbu li jmur idoqq. Lejla fost l-oħrajn fit-tard, iċ-ċkejken vjolinista u organista Amadeus Mozart kien qed jipprepara ħalli jitlaq. Kienet il-lejla tal-Milied.



'F'dal-ħin sejjer ibni' qaltlu t-twajba ommu. 'Hemm tant nida u kesħa li bilkemm tara timxi. Għax ma tmurx għadha?'. 'Ma,' qalilha binha, 'irrid inkun għall-quddiesa tat-twelid tal-Bambin. Jien t-triq nafha bl-amment u noqgħod attent minn fejn ngħaddi. Ma għandix biża għax nimxi bil-mod'.

Iċ-ċkejken Mozart telaq bil-mod u moħħu kien fejn hu miexi li ma jmurx jaqa' x'imkien. F'dak id-dlam kollu żelaq u sab ruħu qisu ġo kanal mimli tajn u ilma. Għalxejn beda jixxabbat u jaqbad b'idejh biex jiddendel mal-ġnub u jitla'.



'Għinni Ġesu' bambin, ħalli nitla' minn hawn u nasal fil-ħin il-knisja.'

Kienu qegħdin jinstemgħu l-qniepen fil-bogħod, meta ħabta u sabta sema' l-passi u xi diskors ta' xi nies li nzertaw kienu għaddejjin minn hemm għall-knisja. Talab l-għajnuna tagħhom, irnexxielu jitla' mill-ħofra mxarrab u mimli tajn, imma ferħan għaliex kien ser jirnexxielu jasal fil-ħin il-knisja. Kien għoddu qorob nofs il-lejl meta ċ-ċkejken Amadeus Mozart wara li kien biddel ħwejġu mxarrba, kien qiegħed f'postu, ferħan idoqq l-orgni tal-knisja għaċ-ċelabrazzjoni tal-liturġija ta' lejliet il-Milied. Il-festa tal-Milied għal Mozart kienet waħda mill-għeżeż li kellu. Dal-fatt ġara fil-Milied tas-sena 1769 ġiemwassal lilna minn Franz Grillparzer bil-kitbiet tiegħu fuq ħajjet Mozart u l-familja tiegħu.

## *Il-Miżata*

Il-**ħlas** tal-miżata għas-sena 2019 jista' jsir billi tibgħat cheque ta' €5 (Tfal taħt l-14 il-sena €2) lis-Segretarju.

Bħal issa qed isir l-aġġornament tal-lista tal-membri. Skond l-Istatut, dawk li huma lura fil-**ħlas** tal-miżata aktar minn sentejn jistgħu jinqatgħu u jitilfu kull benefiċċju li **ġġib** magħha s-s**ħubija** fl-Għaqda **Ħbieb** tal-Presepju - Malta. Għalhekk dawk li huma lura fil-**ħlas** huma mħeġġa li jaġġornaw ruħhom billi jikkuntattjaw lis-Segretarju fuq email: **presmal18@gmail.com** jew permezz ta' telefonata fuq **9940 6645** u jingħataw l-informazzjoni meħtieġa.

Grazzi bil-quddiem.

# *Ninsa għax inħobb*

**Minn Jonathan Balzan**

Mindu kien għamillu l-bsaten fir-roti u telfu promozzjoni fuq ix-xogħol, Martin ma kienx baqa' jkellmu lil John. Il-ħbiberija tagħhom, li saħansitra tant kienet kibret li kienu siefru għal vaganza, tmermret bħal ras ta' vit u tilfet il-kamin tar-rabta. Kienu ta' spalla għal xulxin fid-dipartiment u l-għira ta' kulħadd. Iżda x-xitan ma'għandux ħalib. Martin, mertu tiegħu jew le, kiseb il-promozzjoni u rasu kibritlu, tant li ma' John baqa' jikkomunika biss għall-finijiet ta' xogħol. John kien ikollu jbaxxi rasu, jakkumula dwejjaq u rabja u mibegħda lejn persuna li qas ried jemmen li sa ftit xhur qabel qatta' ġimgħa ta' divertiment magħha, u sa' ftit ġimgħat ilu ma kinux jieqfu jirrakkuntaw l-avventuri u praspar li għaddew minnhom. Hekk jinbidel f'ħakka t'għajn il-bniedem, minn lejl għan-nhar!!? Ħsibijiet li kienu jkissruh u ma jħalluhx jorqod bil-lejl. L-għada ma kienx ikun jiflaħ iqum għax-xogħol. Ġimgħa wara ġimgħa. Xahar wara xahar.

Jum fost l-oħrajn, f'jum xitwi Novembrin, kien frank u waqt li kien miexi l-Imdina ġie wiċċimbwiċċ ma' Pierre, ħabib antik minn żmien is-sekondarja. Kelma ġġib lill-oħra u d-diskors waqa' fuq ix-xogħol.

"Dil-ħajja qed ngħix jien, ix-xogħol inħobbu u drajtu, imma dil-persuna qed tagħmilli ħajti infern", gemgem John. Pierre donnu ma kien qed jisma' xejn ġdid. Semmielu x'kien jgħidlu missieru, li ħadd ma jaħsillek wiċċek biex tkun isbaħ minnu. Irrakkuntalu sitwazzjoni simili li ltaqa' magħha hu wkoll f'ħidmietu. It-tnejn ma kinux mgħaġġlin u waqfu jieħdu kafe' u pasta.

Pierre tgħidx kif baqa' mbellaħ meta John kellmu fuq delizzju li kien qabad, il-bini ta' presepji, wara li kien attenda kors apposta mtella' mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju u kif kull sena kien jagħmel wieħed u jtih bħal donazzjoni lil xi ħadd ta' ġewwa.



"Ara, dis-sena li għamilt għadni ma ħsibtx għal min hu, ħudu int, għalik, b'turija tal-ħbiberija tagħna u talli għoġbok tismagħni, meta trid ejja d-dar għalih, kemm tarmalu d-dawl biss jonqsu".

"Ara, x'ġest dak, kemm qed inħossni onorat," kompla

Pierre, "imma nerġa' naqbadlek fuq tax-xogħol, għax qed narak naqra imħasseb mhux ħażin. Fl-opinjoni tiegħi, tibqax tkun supperv, dal-bniedem trid tibqa' tarah kuljum, la int ma tixtieqx tiċċaqlaq minn fejn int, ġara x'ġara, tibqax iġġorr dat-toqol f'qalbek għax ħa tgħejja iktar u jaf ikollok konsegwenzi agħar."

"Parir minn għandek mhux ta' min jinjorah. Int dejjem kont ta' eżempju u għajnuna l-iskola; tiftakar kemm kont tgħinni fil-homework?" fakkru John b'nofs tbissima. "Ħa nipprova nagħmel l-ewwel pass. Imma iebsa wisq. Ma nasalx biex immur fuqu u ngħidlu għandi bżonn inkellmek."

"Ara togħġbokx din", dar fuqu Pierre f'daqqa, "il-presepju li kont ħa ttini, daqslikieku tajthuli. Agħtih lil Martin, ħudha bħala skuża biex tkisser dan il-ħajt. Hu żmien opportun, żmien ta' paċi u għaliex le, forsi sservi ta' okkażjoni li terġgħu ġġeddu l-ħbiberija passata. Naf li pass iebes, imma m'għandix dubju li ħa jġiblek ferħ f'qalbek. Kif qed tgħix, qed tagħmel ħafna ħsara lilek innifsek. Kellimni meta tieħu l-pass. U wara niltaqgħu u nixorbu grokk bl-ispirtu' tal-Milied."

John ħassu mqanqal b'dal-kliem. Tassew kien ħabib ta' veru li xtaqlu l-ġid. Sellmu lil xulxin u wegħdu li jibqa' f'kuntatt.

Fi triqtu lura d-dar baqa' jhewden qatigħ. Ma riedx jaqa' għalih. Il-ferita kienet kbira wisq biex tiddewwa.

Fil-bidu ta' Diċembru, kif kien wiegħed lill-kollegi tax-xogħol, ħadilhom presepju biex iżejnu d-dipartiment. X'ħin daħal, tard bħas-soltu, għajnejn Martin marru fuq il-presepju u staqsa min kien għamlu. Meta John dar fuqu u b'ton baxxi qallu jien, donnu instaram u waqa' skiet ta' ftit sekondi.

"Ma kontx naf li int presipista," qallu Martin.(Xi ħaġa li sakemm kienu siefru flimkien John kien għadu ma skopriex bħala talent). U għalkemm faħħru nofs kedda għall-kapaċita' artistika, donnu din ħolqot sparkjatura f'qalb John li dlonk offrihulu bħala rigal waqt li rringrazzjah tal-kumpliment. Dar fuq il-kollegi u qalilhom li kien se jġib ieħor xorta mill-kollezzjoni għad-dipartiment.

Martin deher mistagħġeb u maħsud b'dal-ġest. Stqarrlu li ibnu kien tassew ħa jieħu gost bih. Inħolqot diskursata ta' ftit minuti li f'tebqa t'għajn ħadithom lura fil-mogħdijiet tal-passat. U donnu l-ħbiberija reġgħet xegħlet bħal sulfarina u ħadet il-ħajja bħal bini antik li jiġi restawrat. Kif spiċċa mix-xogħol, ċempel lil Frank bid-dmugħ f'għajnejh. L-għada marru jieħdu grokk.

Minn dakinhar, John beda jmur għax-xogħol iktar trankwill, b'ħeġġa u tbissima. Kellu jkun presepju li reġa' ta l-ħajja lill-ħbiberija minsija u paċi miċħuda!

# *Poeżija*

**Żewġ Presepji**

Gagazza sbejħa bil-fwieħat tal-baħar
Ħaxix li jikber fix-xaqliba tal-wied
Pasturi sbieħ, ħajjin, għalkemm tat-tafal
Bambin tax-xema rieqed f'ħemda u skiet



U t-tfal tal-ħâra kobba jħarsu
Fis-skiet, fil-ġabra, bojod bħal-ħamiem.
U ommi sbejħa, tifraħ, ftit imkabbra
Li grotta b'għaqal kbir għamiltha jien.

U tersaq lejna b'żewġ wardiet fuq wiċċha
Qaddisa ħdejn tfal oħra qaddisin
U turi b'id tirtogħod pasturi w bhejjem
Ġużeppi w il-Madonna w il-Bambin.

Erbgħin u fuqhom tmienja għaddew u ħarbu
U ntradmet magħhom l-omm għażiża wkoll
'Mma msaqqaf bil-gagazza l-għar ħemdieni
Li qalbi ma kull dawra baqa' jħoll.

U f'kull Milied mat-tfal tal-klassi tiegħi
F'benniena bajda l-bogħod erħini ntir
Nerġalek bil-maxtura ta' tfuliti
U daqs il-qriemeċ żgħar kull darba nsir.



U ninżel b'għoxwa sa fil-qiegħ ta' qalbhom
U magħhom nerġa ngħix jum il-Milied
Bħal-ommi b'id tirtogħod immur nurihom
Il-grotta ħelwa tfawwar bil-ħlewwiet.

U nħossu jfawwar safi kollu mħabba
Lejn xfar għajnejja tiela sħun id-dmugħ
X'ħin tinżel fuq xufftejn l-istess għanja
L'għallmitni ommi daqs il-ġilju tfuħ.

**Joseph L. Zerafa**
**Żurrieq.**

# Poeżija

## Il-Fanal

Ġo trejqa dejqa dejqa
Fil-għoli ftit 'il fuq
Fanal ċkejken b'dawl nemniemi
Jurini fejn irrid immur

Dlonk moħħi ġera bija
Stħajjieltu l-fanal
ta' dak ir-raġel twajjeb
F'lejl xitwi u mudlam

Kien qiegħed ftit imħasseb
Iffittex kenn għal martu
Mifluġa w għajjiena
Jitħassarha kien ġo qalbu.

Stħajjieltu kien Ġużeppi
iġorr dak il-fanal
Kulħadd jagħlaqlu biebu
Fil-kesħa u f' dak il-bard

Sab kenn ġo l-għar imwieri
Qalb bhejjem għas-sħanat
Hemmhekk ġo belt ta' Betlem
Belt l-iżgħar fost iż-żgħar.

Fakkarni l-fanal fl-anġlu
L-anġlu il-ħabbâr
Li niżel bid-dija kollha tiegħu
Lir-ragħajja jagħti l-aħbar

Nitolbok kebbes fija
It- tama ta' serħan
Biex f'din id-dinja mqallba
Niftakar f'dinja aħjar

It-Talba tiegħi nitlobok
Ja ċkejken ta' fanal
Bid-dawl li għandek jiddi
Lid-dinja għamel aħjar.

Kun dejjem inti miegħi
Ja naqra ta' fanal,
Żomm tixgħel dik il-fjamma
Biex ħajti tkun aħjar

Marion Higgins debono
24/02/2019





# It-Tifel Mitluf

**Marianne Tabone**

Carlos kien ferħan se jtir. Il-ġurnata ta' qabel kien għadu kif wasal Londra m'ommu u missieru. Kellha tkun vaganza sabiħa, rigal talli kien għamel progress fl-iskola. Kien ilu ħafna jittraskura u l-ġenituri tiegħu kienu nkwetati ħafna. It-tifel kellu moħħu tajjeb ħafna imma kien qisu tilef kull interess fit-tagħlim. Ommu darba ġiha ħsieb twegħdu li jekk imur tajjeb kienu joħduh Londra. Din il-wegħda dehret li għamlet effett. Ġab marki sbieħ ħafna tant li kulħadd stagħġeb. Il-ġenituri riedu jżommu kelmithom. U hekk spiċċa Londra!!

Kienet l-ewwel ħarġa tiegħu barra mill-pajjiż. Malli daħlu fil-lukanda għajnejn Carlos infetħu berah. L-ewwel ħaġa li ra fir-*reception* kien presepju enormi li kien fil-ġenb ta' dak l-ispazju kbir. Ftakar li ommu kienet qaltlu li sid il-lukanda kien Malti u li kienet tafu meta kien Malta. Kien baqa' dilettant tad-drawwiet Maltin. Fosthom kien jarma presepju kull sena fir-*reception*. L-aktar li kien hemm jidhru f'lukandi mal-madwar kienu siġar tal-Milied u *Father Christmas*.

Ma damux ma sabu ruħhom fil-kamra tagħhom. Ħarġu l-ħwejjeġ mill-bagalji u marru jagħmlu l-ewwel dawra tagħhom f'din il-belt sabiħa. Ma damux ma rikbu fit-*tube* u marru lejn Trafalgar Square. Kien hemm ħafna nies jippassiġġaw u jieħdu r-ritratti. Carlos ħareġ il-camera tiegħu u beda jdur jiġbed ritratt wara ieħor. Kien aljenat b'dak li kien hemm madwaru. Meta ra l-istatwa ta' Nelson tgħidx kemm ħa gost. Kienu semmewh fil-klassi u issa hemm kien! Quddiem għajnejh. Li ma ndunax kien li ma kienx baqa' ħdejn il-ġenituri tiegħu. Beda jħares 'l hemm u 'l hawn biex jara jilmaħhomx. Imma ħlief nies barranin ma rax.



Beda jibża' xi ftit u jikkonfondi kif se jagħmel biex isibhom. Dak il-ħin ra pulizija u ddeċieda li jitlob l-għajnuna. Mar fuqu u qallu,

'Please Sir, I am lost. Can you help me?'

Il-pulizija staqsieh fejn ried imur. Dak il-ħin Carlos ftakar li l-post kien jismu xi ħaġa bis-salib u bir-re.

'I think the hotel is at the Cross of the King,' qallu.

Il-pulizija tbissem u stqsieh bil-ġentilezza kollha,

'Do you mean King's Cross?'

'Yes! Yes!' wieġeb Carlos bl-entużjażmu kollu. Issa kien ftakar sewwa.

'What is the name of your hotel?'

Hawn Carlos kkonfonda. Ma kellux idea x'kien jisimha l-lukanda. Kompla,

'In the reception there is a very big crib with baby Jesus,' kompla jispjegalu. 'The owner is Maltese. My mother said so.'

Il-pulizija qal li kien jaf fejn kienet il-lukanda bil-presepju kbir. Qallu li kien jista' jwasslu hu stess u sadanittant ifittxu lill-ġenituri tiegħu. Dak il-ħin it-tifel ra lil ommu u missieru jduru 'l hemm u 'l hawn ifittxuh.

Għajjat għajta waħda, 'Ma! Pa! Hawn jien.'

Malli semgħu leħnu ġrew għal ħdejh. Il-pulizija ferħilhom għall-għaqal ta' Carlos. Qalilhom li oħtu kienet taħdem f'dik il-lukanda. Meta Carlos qal li kien hemm presepju kbir fir-reception mill-ewwel induna fejn kienu qegħdin jgħixu.

Imnalla kien il-presepju! Minn dakinhar ftehemu li meta jmorru jaraw postijiet differenti kellhom jiftehmu post fejn isibu lil xulxin jekk jinfirdu.

Hekk spiċċat b'wiċċ il-ġid l-ewwel ġurnata tal-vaganza f'Londra. Carlos kien ċert li qatt ma kien se jinsa dak il-presepju stil Malti fil-qalba ta' Londra. Tgħidx kemm ħa ritratti ħdejh. Il-presepju kien salvah milli jdum ħafna żmien mitluf.

**GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU**
**- Malta**

tistieden lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom id-delizzju tal-Presepju biex jattendu għal

**KORS PRESEPISTIKU DIMOSTRATTIV**
mogħti mill-Artisti

**GIANFRANCO CUPELLI u FRANCESCO STELLATO**

# f'MALTA







**Is-SIBT u l-ĦADD**
**28 u 29 ta' SETTEMBRU, 2019**

**Għal aktar dettalji u bookings ibghat eMail fuq:**
**presmal18@gmail.com jew ċempel mob: 99406645**

**Biex tara xogħolijiet ta' Gianfranco Cupelli żur:**
**Gianfranco Cupelli on Youtube.**


Il-Kumitat, flimkien mal-membri tal-
Għaqda Ħbieb tal-Presepju-Malta,
jixtieq l-Għid it-Tajjeb lill-kulħadd.
J'Alla l-qawmien tal-Mulej ikun
il-bidu tal-qawmien tagħna fil-fidi.